MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2012

Numru. 169/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**

**vs**

**IVAN BAJADA**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **IVAN BAJADA**, iben Ronald u Maria Gratia nee' Gallo, imwieled San Giljan fis-sitta w ghoxrin ta' Awwissu 1975, residenti gewwa Cobblestones, Triq Arturo Bonnici, Swatar u detentur tal-Karta ta' l-Identita' 381275(M), gie mressaq quddiemha w akkuzat talli:

Fid-19 ta' Frar 2006, ghall-habta ta' l-erbgha u ghaxra ta' wara nofsinhar (16:10), gewwa Triq Sir Charles Cameron, Gzira u fl-inhawi, dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed f'periklu car il-hajja ta' Anthony Spiteri, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 1002046(M), wera dan il-

hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta’ tieghu;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanza, ikkaguna ferita ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Anthony Spiteri, u dan hekk kif iccertifika Dr. Malcolm Borg M.D. ta’ l-Isptar San Luqa.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi voluntarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b’ghajjat u glied;

Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-Ispettur tal-Prosekuzzjoni, u cioe’ l-att tat-twelid ta’ l-imputat –Dok. A u l-fedina penali ta’ l-imputat – Dok. B.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-1 ta’ Marzu 2011 (fol. 330) sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja u tigi deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza fuq riferita fin-nuqqas ta’ oggezzjoni da parti tal-imputat.

Rat illi nhar id-19 ta’ Lulju 2011 il-prosekuzzjoni ddikjarat li m’ghandhiex xhieda ohra xi tressaq u gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-1 ta’ Marzu 2011, u rat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciz minn din il-Qorti.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni, l-imputat jixhed min jeddu b’mod volontarju u l-provi tad-difiza.

Ikkunsidrat:

**L-Ispettur Daniel Zammit** xehed fit-13 ta’ Marzu 2006 fejn iddikjara li fid-19 ta’ Frar 2006 ghall-habta ta’ l-erbgha w ghoxrin ta’ wara nofsinhar (4:20pm), l-Ghassa tal-Pulizija f’tas-Sliema giet infurmata li fi Triq Sir Charles Cremona kantuniera ma’ Triq Ponsomby Gzira, kien hemm argument li halla persuna mwegga ma’ l-art. Issejhet ambulanza, u din il-persuna, li irrizulat li kienet certu Anthony Spiteri bin-numru tal-Karta ta’ l-Identita

1002046(M), ittiehdet l-isptar, fejn it-tobba iccertifikawh fil-periklu tal-mewt minhabba xi daqqiet f'rasu.

Mill-investigazzjonijiet li saru dak il-hin, ingabru tnejn min-nies, certu Ivan Bajada u Claire Borg, li irrizulta li kellhom l-argument jahraq ma' Anthony Spiteri. Gara illi l-karozza ta' Bajada kienet ipparkjata fil-kantuniera, u Borg kienet go fiha waqt li Bajada mar jixtri. Bajada beda jghajjat ma' Spiteri u dan wara li Spiteri kien laqat kemm kemm il-karozza ta' Bajada bil-karozza tieghu, u Claire Borg bdiet tghajjat ukoll, u bdew ighajtu speci ta' x'ghamiltilna u ilqattilna l-karozza. Ivan Bajada qal li Spiteri kien jidher ftit xurban. L-argument sahan meta Bajada kien ser icempel il-wardens, u dak il-hin Anthony Spiteri beda joffendihom u Ivan Bajada stqarr li tah daqqa ta' ponn, laqtu fuq geddumu, u in segwitu Spiteri nqaleb lura ma' l-art, u kien f'dak il-hin li ha d-daqqa f'rasu. Pero' Bajada jghid li d-daqqa ta' ponn ma kinetx ta' forza kbira, u ma kellux oggetti f'idejh meta ta d-daqqa, u jsostni li Anthony Spiteri probabbilment waqa' ma' l-art minhabba li kien imxengel mix-xorb minn kif kien jidher.

L-Ispettur Daniel Zammit ipprezenta kopja ta' l-istqarrija ta' Ivan Bajada li ffirma hu stess, li l-Qorti mmarkat bhala Dokument DZ 1, kif ukoll certifikat mahrug minn Dr. Borg ta' l-Isptar San Luqa fejn gie ccertifikat li Anthony Spiteri kien fil-periklu tal-mewt, u dan gie mmarkat bhala Dokument DZ 2.

**PS 1575 Robert Fava** xehed ukoll fit-13 ta' Marzu 2006 fejn qal li waqt li kien xoghol fl-Ghassa tal-Pulizija ta' tas-Sliema ghall-habta ta' l-erbgha w ghoxrin ta' wara nofsinhar (4:20pm) kien wasal rapport li gewwa Ponsomby Street Gzira kien hemm glieda, proprju kantuniera ma' Sir Charles Cameron, u kien hemm persuna feruta f'nofs tat-triq. Is-Surgent ghalhekk mar fuq il-post sabiex jinvestiga dan ir-rapport.

Minn investigazzjonijiet preliminari irrizulta illi waqt li l-vettura bin-numru tar-Registrazzjoni HAT 226 kienet ghaddejja minn Triq Ponsomby lejn Sir Charles Cameron laqtet vettura ohra bin-numru tar-registrazzjoni EAK 419 li

kienet ipparkjata u li wara irrizulta li kienet tappartjeni lil Bajada. Sussegwentement il-pulizija tkellmet ma din il-persuna Ivan Bajada li kien fil-vicinanzi. L-Ispettur tenna li dan Bajajda qallu li dak il-hin meta il-vettura giet milquta huwa kien f’hanut ta’ Tanti u wara li nqeda u hareg mill-hanut  sab lill-gharusa tieghu Claire Borg, tghajjat ma’ ragel u tghidlu biex jieqaf peress li kien laqat il-vettura ta’ dan Ivan Bajada u baqa’ sejjer, u din ippruvat twaqqfu.

 Ix-xufier tal-vettura l-ohra, bl-isem ta’ Anthony Spiteri, skont il-koppja, beda jidghi u jitkellem b’mod selvagg maghhom, u kien hemmhekk fejn Bajada ta daqqa ta’ ponn f’halq Anthony Spiteri u dan instabat ma’ l-art. Claire Borg spjegatlu kif meta kienet fil-vettura semghet hoss u hasbet li xi hadd kien ser jipprova jiftah il-bieba, izda ndunat li kien hemm persuna li laqtet il-karozza, beda joffendieha, u baqa’ jsuq. Claire tistqarr li imbuttat lir-ragel waqt li kien ghadu fil-karozza wara li tkellem b’lingwagg vulgari dwar missierha. Qaltlu wkoll li Spiteri beda jghidilhom  biex imorru ghalih b’revolver jew hadida u dak il-hin Ivan Bajada tah daqqa b’idu fuq xofftu u dan Spiteri lissen xi haga li ma nftehmitx, u nstabat ma’ l-art. Certu Martin Formosa li kien qed isuq fi Triq Ponsomby, waqaf biex jara x’gara u kien prezenti waqt dan kollu. Spiteri gie mehud l-isptar u Dr. Borg ma halla lil hadd ikellmu, inkluz lill-Ispettur Robert Fava.

Imbghad il-pazjent gie ccertifikat bhala fil-periklu tal-mewt. Ix-xhud informa lill-Ispettur Daniel Zammit b’dak li rrizulta, u nfethet inkjesta.  Huwa esebixxa kopja ta’ l-okkorrenza li qed giet immarkata mill-Qorti bhala Dokument DZ 3.

**PS 1268 Ivan Caruana** xehed ukoll fit-13 ta’ Marzu 2006 fejn qal li fid-19 ta’ Frar 2006  ghall-habta ta’ l-erbgha w ghoxrin ta’ wara nofsinhar (4:20pm) dahlet informazzjoni anonima fl-ghassa tal-Pulizija ta’ tas-Sliema li kien hemm glieda fi Triq Cameron, kantuniera ma’ Triq Ponsomby Gzira. L-Ispettur Ivan Caruana mar fuq il-post ma’ PS 1575 Robert Fava fejn hemmhekk sabu lil Anthony Spiteri mixhut ma’ l-art, u lil Ivan Bajada u Claire Borg hdejn il-karozza taghhom. Dan ix-xhud stqarr li semaghhom

jghidu l-verzjoni taghhom it-tnejn, u kien qieghed hdejn is-surgent Fava meta giet mehuda l-okkorrenza.

**PC 1188 Cassar** xehed fit-13 ta’ Marzu 2006 fejn iddikjara illi fid-19 ta’ Frar 2006 ghall-habta ta’ l-erbgha w ghoxrin ta’ wara nofsinhar (4:20pm), l-Ghassa ta’ Tas-Sliema irceviet rapport anonimu li gewwa Triq Ponsomby kantuniera ma’ Triq Cameron Gzira kien sehh incident. L-Ispettur mar fuq il-post flimkien mas-surgent Fava u hemmhekk sabu l-persuna Anthony Spiteri mixhuta ma’ l-art bid-demm. Waslet l-ambulanza u bdiet l-investigazzjoni. Il-pulizija kellmu lil Ivan Bajada u lil Claire Borg. PC1188 Cassar spjega kollox li kien intqal mill-koppja bhal ma xehed is-surgent Robert Fava.

**Dr. Mario Scerri** xehed fl-20 ta’ Marzu 2006 iddikjara illi huwa kien gie nominat mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman fl-atti ta’ l-inkjesta sabiex jezamina lil Anthony Spiteri dwar l-incident li sehh fid-19 ta’ Frar 2006 f’Ponsomby Street Gzira. Huwa ezamina lil Anthony Spiteri. Sussegwentement ezamina lil Ivan Bajada wkoll. Esebixxa r-relazzjoni tieghu liema dokument qed jigi mmarkat mill-Qorti bhala Dok MS.

Minn ezami ta’ din ir-relazzjoni jirrizulta li Spiteri iddahhal l-Isptar u kien qed isofri minn xi griehi li huma kompatibbli ma *blunt trauma*. Qal li l-kundizzjoni tieghu kienet wahda kritika. Irrileva li l-livell ta’ alkohol li Spiteri kellu fid-demm tieghu meta iddahhal l-Isptar kienet ta’ 300mg/dl. Qal ukoll li l-kundizzjoni tieghu qalbet ghall-ahjar u baqa’ stabbli. Fuq il-persuna ta’ l-imputat ma irriskontra l-ebda lezjonijiet friski.

**Dr. Michael Sammut** xehed fil-15 ta’ Mejju 2006 fejn qal li hu gie nominat fl-atti ta’ l-inkjesta fejn Anthony Spiteri garrab xi feriti gravi waqt argument li kellu ma’ Ivan Bajada u Claire Borg u dan nhar id-19 ta’ Frar 2006 gewwa l-Gzira u dan sabiex jezamina l-kampjun tad-demm ta’ Anthony Spiteri. Huwa esebixxa r-relazzjoni tieghu, liema relazzjoni giet immarkata mill-Qorti bhala Dokument MS. Qal li l-livell ta’ alkohol fil-persuna ta’ Anthony Spiteri kienet ta’ 300mg/100ml li huwa kkunsidrat

bhala wiehed qawwi hafna, b'hekk facilment ikkonkluda li Anthony Spiteri kien verament taht l-effett ta' l-alkohol. F'dan il-livell wiehed kapaci jesperjenza nuqqas ta' koordinazzjoni u '*perception*'. Jista' jkun ukoll li l-persuna taht l-effett ta' dan il-livell t'alkohol jidhol f'koma.

**PS 612 Theo Vella** xehed fil-15 ta' Mejju 2006 fejn iddikjara li gie nominat fl-atti ta' l-inkjesta mill-Magistrat Inkwerenti in konnessjoni mal-feriti gravi li garrab Anthony Spiteri waqt argument ma' Ivan Bajada u Claire Borg dakinhar tad-19 ta' Frar 2006. Vella esebixxa r-relazzjoni tieghu, liema relazzjoni giet immarkata mill-Qorti bhala Dokument SOCO. Qal illi hu kien irrelata flimkien ma' PS Evan Camilleri.

**Anthony Spiteri** xehed fil-25 ta' Awwissu 2006 fejn qal li ftit jiftakar x'gara dakinhar tad-19 ta' Frar 2006, u lanqas biss jaf li kien l-isptar. Kull ma jiftakar hu li kien mar il-Gzira biex jixtri m'ghand hanut maghruf bhala Ta' Tereza , u malli wasal ma genb karozza ohra kien hemm mara li bdiet tghajjat mis-seat tal-passiggier u minn hemm 'l quddiem ma jafx iktar.

Ix-xhud **Anthony Spiteri** kien xehed ukoll antecedentement fl-atti tal-inkjesta nhar l-4 ta' April 2006 u qal li fid-19 ta' Frar 2006 kien ghadda xi hin fl-ghalqa tieghu hdejn is-Savoy Hotel u kien mar il-Gzira sabiex jixtri xi helu ghat-tfal tat-tfal. Qal li kien qed isuq il-vettura tieghu tal-ghamla Toyota
mudell Starlet u li ghandha numru ta' regisrazzjoni HAT 226. Mistoqsi jekk ipparkjax il-vettura sew jew le wiegeb li ma jiftakarx u lanqas jiftakar li kelu xi kwistjoni ma xi hadd. Mistoqsi jekk kienx xorob tenna wkoll li ma kienx xorob. Anzi qal li filghodu kien mar ill-Monti ghal habta tas-7.30.a.m u wara mar id-dar wassal lil mara l-Knisja u telaq lejn l-ghalqa. Fin-nofs siegha rega' mar lura d-dar u mar jiekol u wara rega' mar l-ghalqa u qaghad hemm sal-4.00p.m.

Mistoqsi jekk meta kien id-dar xorobx qal li kien xorob nofs tazza inbid imhalta mal-luminata. Mistoqsi ghat-tieni darba jekk jiftakarx x'kien ghamel qal li meta mar

f’Ponsonby street laqat il-mera ta’ karozza ohra u l-mara tal-vettura l-ohra bdiet tghajjat pero’ x’gara wara ma jiftakarx.

Il-Qorti wissiet lix-xhud li kien bil-gurament u regghet staqsiet jekk dak li kien qal kienx minnu jew le. Din id-darba ta verzjoni ohra u qal li wara li wassal il-mara il-knisja mar St. George’s Bar u hemmhekk xorob xi birra, wara mar l-ghalqa u mbaghad nizel id-dar kiel u xorob l-inbid. Qal li ha zewg tazzi mimlijin - xi nofs flixkun. Wara rega’ mar f’St George’s Bar u xorob zewg tazzi inbid. Qal li forsi xorob izzejjed pero’ seta’ jsuq xorta.

Mistoqsi kif laqat il-vettura ta’ l-imputat qal li t-triq hija dejqa u laqat il-mera tieghu ma’ taghhom. Mistoqsi x’ghamel meta laqat il-vettura ta’ l-imputat qal li sema mara tghajjat u xejn aktar. Mistoqsi fl-ahhar jekk iridx jghid xi haga ohra qal li qabel ma zorob zewg tazzi inbid ha flixkun u nofs mid-dar, mis-St George’s ha zewg tazzi inbid u zewg fliexken birra ohra.

**PS 245 Keith Arnaud** xehed ukoll fil-25 ta’ Awwissu 2006 fejn ra l-istqarrija rilaxxjata f’dawn l-atti mmarkata bhala Dokument DZ 1, li tinsab inserita a fol 21 et seq tal-process. Iddikjara illi din l-istqarrija giet rilaxxjata mill-imputat li gharaf prezenti fl-Awla wara li huwa nghata s-solitu twissija. Tenna li din l-istqarrija tikkonsisti fi tlett faccati u gharaf il-firma tieghu u ta’ Ivan Bajada u ta’ l-Ispettur Daniel Zammit fuq kull faccata ta’ din l-istqarrija.

**Claire Borg** xehdet fl-atti tal-inkjesta a tempo vergine tal-investigazzjoni quddiem l-espert nominat mill-Qorti Mario Buttigieg u dan nhar is-26 ta’ Frar 2012 (fol. 137). Ikkonfermat li dakinhar tad-19 ta’ Frar 2006 hija kienet riekba fil-vettura ta’ l-imputat li kienet wieqfa waqt li huwa kien nizel jixtri minn hanut gewwa Ponsonby Street, meta f’daqqa u l-hin ghaddiet karozza u laqtithom u kien ser jibqa’ sejjer u ghalhekk bdiet tghajjat. Dak il-hin hareg l-imputat mill-hanut u beda jghajjat ukoll u is-sewwieq tal-karozza waqaf. Hija marret hdejh u dan beda joffendiha u hi imbuttatu meta rat li kien ser jibqa’ fil-karozza. Qalet li wara regghet marret hdejn il-karozza li kienu rekbin huma

u is-sewweiq hareg mil-vettura tieghu u resaq lejhom u beda jghidlhom sabiex imorru ghalih jew b'sikkina jew b'revolver jew b'xi hadida u beda jghidlhom sabiex jistaqsu ghalih ma 'Mario tal-Hobz'. Ghall-ewwel hasbet li kellu sikkina f'idejh izda wara indunat li kellu nuccali. Hekk kif resqet lura l-imputat tah daqqa bic-catt ta' idu, Spiteri fetah idu u nizel ghal daru. Semghet rasu tfaqqa' ma' l-art u maret taghtih l-ewwel ghajnuna.

Nhar il-25 ta' Awwissu 2006 **Claire Borg xehdet** il-Qorti u rrakkontat kif xi zmien ilu kienu waqfu hi u l-gharus taghha Ivan Bajada ghand Ta' Terez il-Gzira biex jixtru *card* tal-*mobile*. Ivan hareg mill-karozza biex jixtri filwaqt li hi baqghet fis-*seat* tal-passiggier tistenna. Sussegwentement hi ndunat li karozza ohra kienet habtet mal-karozza ta' Ivan. Dak il-hin hi rat li x-xufier kien ser jibqa' sejjer, u ghalhekk bdiet tghajjatlu biex jieqaf. Bajada sema' l-ghajjat taghha u hareg mill-hanut jigri biex jara x'gara, u fil-fatt kien sab li certu Anthony Spiteri kien dahal gol-karozza u beda jidghi u jghid kliem hazin. Spjegat illi dan il-bniedem kien fis-sakra u Ivan ried igib il-warden, izda Spiteri ma halliehx u beda jxejjer idu u jzid fl-ghajjat. Kien f'dak il-hin li Ivan tah daqqa ta' ponn. Borg qalet li Ivan tahielu b'idejh catta, u Spiteri waqa' fl-art. Hi ppruvat tassistieh meta ratu mwegga ma' l-art.

**Mario Buttigieg** xehed fl-14 ta' Frar 2007 fejn iddikjara li hu gie nominat b'digriet ta' din il-Qorti sabiex imur fuq il-post ta' l-incident fid-19 ta' Frar 2006. Buttigieg esebixxa r-relazzjoni tieghu, liema relazzjoni giet esebita u mmarkata mill-Qorti bhala Dokument MB.

Minn eami ta' din ir-relazzjoni jirrizulta is-segwenti:-

1. Illi Anthony Spiteri kien qed isuq taht l-influwenza tax-xorb gej mid-direzzjoni ta' Triq Ponsonby Gzira diehel ghal Triq Cameron meta laqat il-vettura li kienet stazzjonata proprjeta ta' l-imputat.
2. Illi fil-vettura ta' l-imputat dak il-hin kien hemm l-gharusa tieghu Claire Borg.
3. Li t-temp kien tajjeb u car u minn dak l-att il-vizibilita' kienet tajba.

4. Illi z-zewg vetturi dik ta' Spiteri u dik ta' l-imputat sofrew hsarat zghar fuq il-genb rispettiv taghhom.
5. Illi l-incident inqala' wara li Spiteri baqa' ghaddej u ma waqafx ghalkemm kien laqghat karozza.
6. Irrizulta li Claire bdiet issawwat lil Spiteri waqt li kien ghadu fil-vettura tieghu.
7. Wara meta Borg u l-imputat kienu sejrin lura lejn il-karozza taghhom dan Spiteri hareg mill-vettura tieghu u ried jaf x'gara u ghaliex Claire haditu hazin u kien hemmhekk li l-imputat tah daqqa' ta' minkeb u bid-daqqa waqa' ma' l-art u habat rasu.
8. Fil-fatt ikkonkluda li Spiteri kellu jigi mixli li saq vettura taht l-influwenza tax-xorb u Claire Borg talli kisret il-paci pubblika.

**Dr. Matthew Cassar** xehed fil-15 ta' Frar 2008 ghan-nom u in rapprezentanza tas-Supretendent ta' l-Isptar. Huwa jahdem fid-Dipartiment tal-Kirurgija u qed jaghmel training ta' MRCS. Huwa xehed minn fuq il-*history file* ta' Anthony Spiteri. Qal illi fid-19 ta' Frar 2006, Spiteri ddahhal l-isptar San Luqa u kellu demm fil-mohh u madwar il-mohh li mhux suppost ikun hemm. Kellu wkoll ksur fir-ras. Cassar kklassifika dawn il-feriti bhala ta' natura gravi, kompatibbli ma' trauma. Spjega wkoll kif griehi bhal dawn jistghu itellfu l-hajja ta' bniedem.

**Robert Cardona** xehed fit-23 ta' Lulju 2008 fejn iddikjara li huwa gie mahtur fil-kapacita tieghu bhala Espert Serologista, mill-Magistrat Inkwerenti Dr. Miriam Hayman b'digriet taghha tad-19 ta' Frar 2002 in konnessjoni mal-glieda li kienet halliet lil Anthony Spiteri ferut u fil-periklu tal-mewt fi Triq Cameron, Gzira. L-Espert Cardona esebixxa r-relazzjoni tieghu, liema relazzjoni giet esebita u mmarkata bhala Dokument SERO u ddikjara li flimkien maghha rritorna l-esebiti li fuqhom ghamel l-ezami tieghu.

Illi minn ezami ta' l-atti tal-inkjesta li saret in konnessjoni ma' dan il-kaz jirrizulta li kienu xehdu nies ohra li ma xehdux f'dawn l-atti u ghalhekk din il-Qorti sejra taghmel referenza wkoll ghax-xhieda taghhom mehuda mill-Espert Mario Buttigieg fl-atti tal-inkjesta.

**Jason Cini** xehed nhar is-26 ta' Frar 2006 (fol. 149) u spjega illi huwa jahdem bhala car installer mall-kumpanija Securich li tinsab gewwa Hal Qormi u jiftakar li nhar id-19 ta' Frar 2006 huwa kien qieghed ghand it-tfajla il-Gzira ghall-habta tas-2.00p.m. u huwa biddel lil kunjatu sabiex ikun jista' jitla' jiekol u ghalhekk qadlu fil-hanut. Qal li f'hin minnhom dahal Ivan Bajada fil-hanut u talbu *top-up voucher* jew sigaretti u huwa qallu li ma kellux u wara ma jafx x'kien gara aktar salv li sema xi ghajjat gej minn barra minn lehen ta' ragel.

Wara li qeda n-nies hareg u ra karozza ipparkjata ta' kulur ahmar u karozza ohra ta' kulur abjad fin-nofs tat-triq u bejneithom kien hemm ragel ma' l-art bid-demm b'wiccu midrub. Mistoqsi jekk rax xi glieda tenna li rahiex. Jaf li ra lil Ivan Bajada idur mal-karozza qisu bniedem mitluf.

**Michael Formosa** xehed nhar it-28 ta' Frar 2006 gewwa l-ghassa tal-Pulizija Msida quddiem l-istess espert Mario Buttigieg. Ftakar li kien ghaddej minn Triq Ponsonby u mar sabiex idur fi Triq Cameron izda ma setax jghaddi ghaliex kien hemm karozza ipparkjata fit-triq fin-nofs. Qal li ra zewg irgiel jillatikaw u ingabru hafna nies. Ra wkoll li xi tfajla tipprova taghti diversi daqqiet pero' is-sewwieq tal-karozza beda jilqaghhom. Dak il-hin is-sewwieq tal-karozza hareg mill-vettura tieghu u jaf li kellu wiccu hamrani u assuma li kien qala' daqqa mit-tfajla u dan beda jistaqsi lit-tfajla u lill-imputat ghaliex sawtuh. Dak il-hin ra lill-imputat jaghtih daqqa ta' minkeb u dan waqa' ma' l-art.

**Tonio Sultana** wkoll xehed fl-atti tal-inkjesta nhar il-25 ta' Frar 2006 (fol. 141) u tenna li nhar id-19 ta' Frar 2006 huwa kien qed jahsel il-karozza tieghu f'Ponsonby Street, Gzira quddiem il-hanut Tanti Palmier u sema hoss kbir u ghajjat. Mistoqsi jekk rax xi glieda wiegeb li ma rahiex ghaliex kien dahal gewwa.

Rat ix-xhieda ta' **Clare Borg**, it-tfajla ta' l-imputat moghtija nhar id-9 ta' Mejju 2012 fejn spjegat illi dakinhar tad-19 ta' Frar 2006, hi u Bajada kienu sejrin tas-Sliema sabiex jiehdu kafe' u taf li kien spiccalhom il-credit tat-telephone

u waqfu l-l-Gzira sabiex jixtru card tal-mobile. Ix-xhud kienet fil-*passenger seat* fil-karozza u kienet qed tistenna lil Ivan meta dak il-hin dahal xi hadd b'vettura ohra fil-karozza taghhom, fis-sens li barax il-genb tal-karozza u baqa' sejjer u x-xhud qalet li bdiet tghajjatlu biex jieqaf. Dak il-hin wasal Ivan Bajada u telaq jigri warajh u beda' jghidlu biex jirriversja. Dan pero', minflok irriversja, hareg mill-karozza u beda' jghajjat. Ix-xhud qalet li kien jidher li kien qieghed taht is-sustanza tal-alkohol ghaliex beda jixxengel u jghid il-hmerijiet bhal biex imorru ghalih bis-sikkina jew revolver. Ivan prova jikkalmah u jghidlu biex jieqaf, izda l-iehor baqa' jxejjer idu f'wiccu u wara ftit Ivan qabzitlu u tah daqqa bil-parti ta' wara ta' idu f'wiccu u din il-persuna fethet idejha u nizlet ma' l-art. Claire qalet li dak il-hin ippanikjat ghaliex ir-ragel beda jehroglu d-demm minn widnejh u hi pruvat tghinu izda kien hemm ragel iehor li qalilha biex ahjar thalli f'idejh u hekk ghamlet. Waslu il-pulizija u l-kaz waqaf hemm. Qaletli l-Spiteri seta' kellu madwar tlieta w hamsin sena u li f'hin minnhom kellu xi haga f'idejh li hasbitha sikkina, izda effettivament kien nuccali. Qalet li ma tafx li kien hemm skieken.

Ikkunsidrat:

L-imputat **Ivan Bajada** xehed *a tempo vergine* tal-investigazzjoni quddiem l-espert nominat mill-Qorti Mario Buttigieg u dan wara li l-istess espert kien wissu bid-dritt tieghu li seta' ma jixhidx jekk haseb li seta' jinkrimina ruhu b'dak li kien ser jghid nonostante dan ghazel li jixhed. Spjega li dakinhar tad-19 ta' Frar 2006 huwa kien hareg mid-dar mat-tfajla tieghu Claire Borg u kien waqaf jixtri top up voucher fi Triq Ponsonby, Gzira. F'daqqa u l-hin sema' lil Claire tghajjat u ra ragel isuq il-quddiem bil-mod hafna u mar jigri warajh. Qal li lahqu ghaliex kien qed isuq bil-mod u dan beda jidghi mieghu.  Qallu sabiex isaqsi ghalih bhala 'Joe tal-Hobz'.  Huwa beda jghidlu sabiex jirriversja sabiex jghajtu lil wardens peress li kien laqtu.  Waqaf il-karozza nofs ta' triq nizel mill-vettura u mar fuq it-tfajla tieghu u qallha sabiex jew jisparawlu jew ituh bil-hadida. Dak il-hin qallu sabiex jitlaq 'l hemm u rega' irrepeta id-diskors u dak il-hin tah daqqa ta' ponn fuq wiccu. Sfidah u

wara ftit nizel ma’ l-art. Bdew ituh l-ewwel ghajnuna meta ra id-demm hiereg minn go widjnejh u halqu.

Spjega li dak il-hin il-vettura tieghu kienet ipparkjata barra mill-*parking bay* fejn kien hemm linji sofor. Ikkonferma li d-daqqa taghielu b’idejh u ikkonferma li qatt ma kien rah qabel. Mistoqsi jekk kellux xi hsarat fuq il-vettura tieghu qal li kellu izda kienu zghar.

**Ivan Bajada** xehed ukoll il-Qorti fis-6 ta’ Marzu 2012 fejn ra l-istqarrija esebita fl-atti mmarkata bhala Dokument DZ 1, u kkonferma l-kontenut taghha. Ftakar li kien il-Hadd u kien sejjer lejn tas-Sliema ma’ l-gharusa tieghu Claire Borg. Fi triqithom, hu waqaf il-Gzira ghand Ta’ Terez biex jixtri *card* tal-mobile. Ma sabx hemmhekk, u qasam faccata ghal ghand Tanti biex jixtri minn hemm. Waqt li kien qed jixtri, sema lit-tfajla tghajjat u fil-pront hareg jigri jara x’gara. Jghid illi huwa ntebah li xi hadd kien dahal b’vettura ohra fil-karozza tieghu ghax ra daqqa fil-karozza, u din il-persuna bl-isem ta’ Anthony Spiteri kien ha jibqa’ jsuq, izda Claire Borg bdiet tghajjatlu biex jieqaf. Bajada qallu biex jirriversja. Spiteri, li kien jidher xurban, qallu “Int min int biex tghidli x’naghmel?”. Bajada qallu li ha jcempel il-wardens, u hemmhekk Spiteri irvilla u beda jitkellem b’lingwagg vulgari, sahansitra hareg xi haga mill-but li Bajada ma gharafx x’inhi, u beda jxejjirha lejn il-koppja. Iddikjara li hasibha sikkina jew xi tip t’arma ohra. Bajada, fil-pront, ta daqqa bic-catt f’wicc l-aggressur tieghu, fejn hu waqa’ ma’ l-art.

Mistoqsi in kontro-ezami kemm jahseb li kellu zmien Anthony Spiteri, huwa wiegeb li kellu madwar hamsin (50) sena. Mistoqsi jghid jekk garrabx xi griehi minghand Anthony Spiteri, hu irrisponda li le u lanqas it-tfajla tieghu ma garbet griehi.

Ikkunsidrat ulterjorment.

Illi in sintezi il-fatti ta’ din il-kawza huwa semplici fis-sens li ma hemmx kontestazzjoni dwar il-fatti kif espost mill-partijiet. Jirrizulta li Spiteri kien qed isuq karozza u laqat il-vettura ta’ l-imputat meta kienet wieqfa u kien ser jibqa’

sejjer. Claire Borg it-tfajla ta' l-imptuat meta rat hekk bdiet tghajjat sabiex tattira l-attenzjoni ta' din il-persuna u dan waqaf. Hareg mill-karozza u beda jitkellem hazin u jisfida ghal glied lill-imptutat u jghid li lilu isibu tal-Hobz. Dak il-hin beda jghid lill-imputat u lit-tfajla tieghu li lilu kellhom imorru ghalih b'xi revolver, sikkina jew xi hadida u resaq lejn Claire Borg. Dak il-hin l-imputat laqtu b'idejh catta f'wiccu u dak il-hin Spiteri waqa' ma' l-art, habat rasu u sofra griehi li kienu ta' natura gravi tant li kien fil-periklu li jitlef hajtu.

Irrizulta li l-vittma kien xurban u kellu 300ml per 100dl fid-demm tieghu u skond it-tossikologu huwa livell gholi tant li seta' spicca f'coma. Dan nonostante kien qed isuq. Jirrizulta li pero' l-allegat vittma ma kienx konsitenti fix-xhieda tieghu u dan ghaliex jaghti tlett verzjonijiet ta' dak li ghamel dakinhar fid-19 ta' Frar 2006 u kien biss wara li l-Qorti regghet wissietu li kien bil-gurament li qal li dakinhar kien xorob mhux hazin. M'hemmx dubbju ghalhekk kif stqarret Claire Borg li meta kien gej lejha dan kien qed jixxejjer u ma kienx sod fuq saqajh. Jirrizulta li verament l-vittma ma kkoperax ma' l-imputat u dan ghaliex lanqas ma ried li jigi warden sabiex l-incident awtomobilistiku jigi rraportat molto piu' meta tqis li l-vettura li kien qed isuq l-imputat ma kinitx tieghu izda kienet mikrija.

Id-difiza qajmet id-difiza tas-*self defence* u dan meta qalet li l-imputat ghamel dak li ghamel u cioe' li ta' daqqa f'wicc l-ferut bil-ghan li jkeccih 'l hemm u jipprotegi lilu innifsu u t-tfajla tieghu mill-aggressjoni zejda ta' dan Spiteri liema aggressjoni dehret aktar vjolenti stante s-sakra akuta li kellu l-istess Spiteri u l-arroganza tieghu li sahansitra anke halla karozza f'nofs ta' triq sakemm ikellem lill-imputat. Zgur li dan ma kienx ragunament ta' bniedem f'sensieh li jolqot karozza ta' terza persuna jibqa' ghaddej u jipprova jiehu r-ragun. Ma hemmx dubju li l-verzjoni tal-fatti kif esposta mill-imputat hija wahda attendibbli fic-cirkostanzi, ghandha mis-sewwa u hija kredibbli tant li hija anke korroborata minn xhieda ohra imresdqa mill-istess Prosekuzzjoni. Invece ix-xhieda tal-vitma mhix attendibbli u m'ghandheix mis-sewwa u zgur li hija inezatta u ma tirriflettix dak li verament gara. Il-Qorti qieset l-

komportament tax-xhieda u rat l-imgieba taghhom waqt li kienu fil-pedana tax-xhieda.

Issa, skond l-**Artikolu 646(4) tal-Kap 9**, il-process verbal jekk regolarment redatt, ghandhu jikkostitwixxi prova fil-process u ma jkunx necessarju li jigu ezaminati ix-xhieda, l-esperti u persuni ohra li jkunu hadu parti fl-inkjesta.

Bis-**sub-artikolu 2**, tal-istess artikolu, pero' jaghti d-dritt lil partijiet li jipproducu l-persuni imsemmija fil-process verbal biex jixhdu *viva voce.*

Bis-**sub-artikolu 4**, imbaghad, l-istess **Artikolu 550 tal-Kap 9**, jistaBbilixxi li d-dokumenti kollha u kull oggett materjali, li fir-rigward tieghu il-process verbal jkun gie redatt u li jkun jista' jigi preservat u konsegwentement esEbit, ghandu dejjem jigi prodott fil-kors tal-proceduri l-Qorti flimkien mal-processi verbali.

Illi ghalhekk stante li l-inkjesta giet redatta skond il-ligi, il-provi hemm migbura jikkostitwixxu prova f'dan il-kaz.

Kif inhu ben saput il-gustifikazzjoni ghal legittima difeza tirrizulta meta persuna tilqa' b'forza il-vjolenza jew aggressivita ta' persuna ohra diretta lejha jew lejn terzi kontra liema persuna hekk aggressiva l-agir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-legittima difesa trid tkun intlahqet sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaccja tal-istess, bl-agir tal-aggessur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni ikkrejata unikament mhux minn min jadotta dik t-tip ta' difiza izda minn min qed juri jew jimmanifesta dak il-perikolu jew theddid jew dannu imminenti. Fil-fatt l-**Artikolu 233 tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta' Malta jghid:

"*Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mill-ligi jew mill-awtorita legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed nnifsu jew ta' haddiehor.*"

Dan il-kliem huwa car hafna fih nnifsu. **L-Artikolu 224 tal-istess Kap 9** jispecifika l-kazijiet ta' bzonn attwali tad-difiza legittima.

Jigi rilevat minnufih li d-dritt ghal legittima difesa jitwieled u huwa konsegwentement naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu. Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Joseph Micallef'** (Vol. XXXIV pg. 1072) intqal li:

"*Id-disposizzjoni tal-ligi li tiskuza lil min jikkaguna offiza lil persuna ohra in difesa tal-proprjeta tal-ferritur, tirrikjedi li l-azzjoni, biex ikun skuzabbli, ghandha tizvolgi ruhha dak il-mument stess li tkun qed tigi nvaza l-proprjeta u in difesa attwali taghha.*"

F'sentenza moghtija mill-**Corte di Cassazione** nhar s-sitta w ghoxrin (26) ta' Jannar, 1948 (Riv. Pen.1948 pg. 213) gie ritenut li:

"*Per la legittima difesa non occorre che sia in atto la violenza; basta il pericolo. E' sufficiente il gustificato timore di un offesa imminente. Nemo tenetur expectare doneo perciliatur.*"

Il-ligi taghna pero' timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-thedded ta' xi aggressjoni jew dannu jew periklu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jeffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur, jigifieri hsara jew offiza fil-hajja, fil-gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu, stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri, il-perikolu ghandu jkun attwali, istantanju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali, ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel, ghax dan jista' jaghti kaz biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima.

Il-periklu jrid wkoll ikun assolut cioe' li f'dak il-mument li kien qed isehh, ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Ghandu jigi applikat t-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qorti dejjem specifikaw, u mhux bizzejjed li wiehed jghid x'setgha ghamel jew x'messu ghamel id-difensur (l-imputat) qabel ma ha l-azzjoni in difesa bl-uzu tal-forza. Fil-fatt il-**Professur Mamo *fin-Noti tieghu*** tal-ligi penali jghid:

"*The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time.*"

Fil-fatt, fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin ta' Jannar, 1995 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Joseph Psaila'** jinghad li:

*"Id-dritt ghall-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda il-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cio'e t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali jigifieri ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista jaghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu irid ikun assolut cioe li f'dak il-mument li qed jsehh ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor."*

Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost il-Qorti trid taghmel apprezzament tax-xhieda.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni aktar favorevoli minn Qrati ohra meta si tratta ta' apprezzament ta' xhieda, cioe# meta si tratta dwar il-kredibilita' tax-xhud. Dan ghaliex tkun ghexet l-process tul medda ta' zmien, tkun f'posizzjoni li tara u tisma l-provi viva voce, tara u tezamina l-imgieba w il-komportament tax-xhieda, tara x'interess jista' jkollu xhud f'dak li qed jixhed, tara fi ftit kliem jekk dak li qed jixhed ghandux verament mis-sewwa jew le.

Huwa minnu wkoll kif hemm imnizzel fl-Artikolu **638(2) tal-Kap 9,** li x-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lil Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita'.

Il-Qorti ghalhekk ghandha taghmel apprezzament tal-fatti fl-isfond tas-suespost.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-vittma kien f'sokor ma jarax art u dan kif gie pruvat b'mod xjentifiku mill-esperti nominati fl-inkjesta u ghalhekk zgur li l-vittma ma kienx qed jirraguna u meta l-imputat jghid li kien aggressiv, din il-verzjoni ghandha titwemmen. Jinghad li l-vittma ma kienx konsistenti f'dak li qal u biddel il-verzjoni tal-fatti kif jidhirlu hu u zgur li ma kienx konsistenti filwaqt li l-imputat, li ta l-verzjoni tal-fatti fi tlett okkazzjonijiet u cioe' meta irrilaxja l-istqarrija tieghu lill-Pulizija Esekuttiva u ghalkemm seta ma jixhidx ta l-verzjoni tal-fatti kif mgharfa minnu, darb'ohra quddiem l-espert nominat fl-inkjesta fejn rega' irrepeta dak li kien qal fl-istatement u it-tielet darba il-Qorti sitt snin wara li sehh l-incident meta rega' ikkonferma l-fatti kif espost minnu fl-ewwel opportunita' li inghatat lilu, kien konsistenti.

Ma hemmx dubju li l-imputat kien inkwetat meta ra li l-vittma laqatlu l-karozza u telaq 'l hemm, ma riedx jistenna il-wardens biex jirraporta il-kaz u naturalment l-imputat li kellu karozza tal-kiri kellu interess li kollox isir skond il-ligi. Li l-imputat beza minnu meta beda jghidlu li hu ma jafx

minn hu u sabiex isaqsi ghalih, haseb li f'xi hin ra xi arma ghalkemm irrizulta li kien nuccali xorta nizel mill-vettura u kien ser jaggredixxi lit-tfajla tieghu. L-imputat imbotta lill-vittma 'l hemm u dan hu dejjem l-verzjoni tal-fatti li ta u minhabba is-sokor eccessiv tieghu dan waqa' ma' l-art la rasu u spicca fil-perikolu tal-mewt. Minn dak li rrizulta mill-provi ma jirrizultax li l-imputat kellu intenzjoni sabiex ikorrih izda sabiex ikeccih 'l hemm u jhalli lilu u lit-tfajla bil-kwiet izda l-isfortuna hi minhabba is-sokor tieghu li dan waqa' ma' l-art u habat rasu bil-konsegwenza li l-ferita kienet hafna akbar milli wiehed jistenna. Dan nonostante xorta hemm il-link of causation bejn id-daqqa li tah l-imputat u l-ferita li ssubixxa l-vittma ghalkemm ma hemmx dubju li kkontribiwwixxa ghaliha. Kif jghid l-awtur Taljan **Antolisei:**

*"occorre infine che l'aggressione abbia creato per il diritto presso di mira un pericolo attuale."*

Fil-**Manuale di Diritto Penale Generale** pg 261, insibu li

*"pericolo attuale e' il pericolo presente"*

Il-Prosekuzzjoni donnha fit-trattazzjoni taghha qalet li l-imputat messu telaq 'l hemm meta ra l-kundizzjoni tal-vittma, dwar dan pero' il-Qorti ma taqbilx in linea ma dak li jghid l-awtur **Carrara** fil-ktieb tieghu **Programma Speciale** meta jghid:

*"i piedi per correre sono fatti per i conigli."*

Il-Qorti taghmel referenza ghal Gurista Taljan **Giuseppe Maggione** ghal ktieb tieghu **Principio di diritto Penali** Vol 1 pg 183 fejn jghid:

*"l'aggredito non e' tenuto a fuggire non gia perche non puo imparsi la vigliaccheria, ma perche' e' suo dovere lottare per il diritto a reagire al delitto."*

Illi ghalhekk jirrizulta proprju l-kaz klassiku ta' legittima difesa fid-dawl ta' dak li gie enuncjat aktar 'l fuq. Ma hemmx dubju li c-cirkostanzi kif zviluppaw, graw f'hakka

t'ghajn tant u b'mod li kkrejaw f'mohh l-imputat, biza u paniku u oppressjoni ta' perikolu tali li lahaq stat fejn haseb li jekk ma jiddefendix lilu nnifsu, kienu ser jispiccaw feruti kemm hu kif ukoll it-tfajla tieghu b'mod serjament stante li mal-vittma ma setghax jirraguna. Ma hemmx dubju li f'dan il-kaz il-periklu attwali gie kkrejat mill-allegat vittma u mhux mill-imputat li ddefenda ruhu minn din l-aggressjoni tant serja. Illi ghalhekk din il-linja difensjonali qed tigi milqugha.

Il-Qorti, rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' dawk citati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu u cioe' **Artikoli 17, 18, 23, 31, 33, 41(1), 214, 215, 216, 218, 338(dd), 382A, 383, 384, 38, 386, 387, u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddecidi billi tiddikjara li veru l-imputat IVAN BAJADA kkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta' Anthony Spiteri pero' peress li l-imputat agixxa in legittima difesa tieghu ma ssibux hati talli kkaguna ferita gravi u tilliberah minn din l-akkuza u ma issibux hati tal-kontravenzjoni ta' ksur ta' paci pubblika u tilliberah minnha wkoll.**

**In vista tas-suespost il-Qorti mhix tapplika fil-konfront ta' l-imputat il-provediment tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta mitlub mill-prosekuzzjoni.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------